MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 33/1991/1

**Citazzjoni numru 33/1991**

**Francis Spiteri, Giuseppa mart Peter Paul Bajada u l-istess Peter Paul Bajada bhala amministratur tal-beni parafernali ma' martu, Maria mart John Debrincat u l-istess John Debrincat bhala amministratur tal-beni parafernali ma' martu, Grazia mart Francis Grima u l-istess Francis Grima bhala amministratur tal-beni parafernali ma' martu, Theresa mart Emanuel Cordina li tidher tant f'isimha proprju u kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta' hutha msefrin Salvina mart Nazzareno Calleja, Salvu u Carmelo, u l-istess Emanuel Cordina bhala amministratur tal-beni parafernali ma' martu**

**-vs-**

**Grazia mart Michelangelo Vella u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2004 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria xebba Vella f'isimha proprju, kif ukoll bhala kuratur ta' huha l-interdett John Vella u wkoll bhala prokuratrici ta' l-imsiefer huha l-iehor Frank Vella, George Vella u Theresa mart George Spiteri ilkoll ahwa Vella stante l-mewt ta' Grazia mart Michaelangelo Vella fil-mori tal-kawza u Maria xebba Vella**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew illi permezz ta' kuntratt ta' divizjoni tal-hmistax ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u tmenin (15.V.1980) fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai, lill-atturi giet assenjata bicca art imsejha "Tas-Sanap" fil-limiti tal-Munxar, Ghawdx, bil-kejl superficjali ta' cirka hames mija u tnejn u sittin metri kwadri (562mk) li tmiss minn nofsinhar u mill-majjistral ma' xatt il-bahar, u mit-tramuntana ma' passagg u cioe' dik l-art li kif l-istess partijiet iddikjaraw, l-atturi kien ilhom zmien twil jippossjedu *uti dominus* ininterrottament;

Illi l-istess art giet murija fil-pjanta Dokument P annessa ma' l-istess kuntratt;

Illi rrizulta lill-atturi illi din il-pjanta hija skorretta u ma tirrapprezentax korrettement l-art li effettivament giet assenjata lill-atturi bil-kuntratt fuq imsemmi.

Illi l-atturi jridu li din l-art tigi definittivament identifikata u li dan il-kuntratt jigi korrett u minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti taghhom, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-atturi qeghdin jesebixxu pjanta korretta ta' l-art assenjata lilhom (Dok B);

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-atturi huma s-sidien ta' l-art fuq deskritta assenjata lilhom bil-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai tal-hmistax ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u tmenin (15.V.1980) u liema art kienet ilha ippossjeduta minnhom *uti dominus* ghal bosta snin u liema art hija dik murija fil-pjanta annessa Dok B.

2. konsegwentement jekk jirrizulta mehtieg, tordna l-korrezzjoni ta' l-istess kuntratt fis-sens fuq imsemmi billi jigi ddikjarat illi l-pjanta korretta ta' l-art proprjeta' ta' l-atturi hija dik murija fil-pjanta Dokument B u dan a kura ta' Nutar Pubbliku li jinhatar ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti f'data, hin u lok li jigu ffissati;

3. tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom annessa l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti flimkien mal-lista tax-xhieda (folio 27) li ghalkemm ipprezentata fuori termini inghatat il-visto (fol 32) fejn eccepew:

1. illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati u ghandhom jigu rigetati billi l-art li giet assenjata lill-konvenuti ta' l-att ta' divizjoni in kwistjoni hija l-istess art li messet lilhom u ma hemm ebda skorrettezzi fl-istess kuntratt.

2. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti diversament preseduta (folio 25) fejn gie nominat l-AIC David Pace bhala perit tekniku.

Rat id-digriet ukoll ta' din il-Qorti diversament preseduta (folio 33) fejn gie nominat l-Avukat Dottor Mario Scerri bhala perit legali.

Rat il-verbali kollha u qeghdha tillegittima l-atti kif mitlub b'rikors konguntiv tal-kontendenti folio 99 stante l-mewt fil-mori tal-kawza tal-konvenuta Grazia mart Michelangelo Vella wara li accertat li c-certifikat tal-mewt taghha gie esebit u jinsab folio 106.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza ta' rivendika li l-partijiet kontendenti kollha kif espost f'rikors konguntiv taghhom folio 105 ittransigew.

It-tranzazzjoni permezz ta' l-imsemmi rikors taqra hekk:

"Illi huma qablu li jittransigu din il-kawza bil-mod segwenti:

1. jintlaqghu t-talbiet fic-citazzjoni attrici u ghall-iskop tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt l-art in kwestjoni tigi ahjar identifikata permezz ta' l-annessa pjanta (esebita animo ritirandi) dok SF1.

2. l-ispejjez tal-kawza jithalsu kollha mill-atturi fil-waqt li l-konvenuta thallas lill-avukat taghha.

Illi qeghdin jesebixxu kopja ta' l-att tal-mewt ta' Grazia Vella a tenur tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-19 ta' Ottubru 2004 - dok SF2.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrikjama l-kawza ghal data vicin sabiex jispjegaw ahjar lill-Qorti t-tenur ta' l-imsemmija tranzazzjoni u biex dakinhar din il-Qorti tikun tista' tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza a tenur ta' l-istess tranzazzjoni".

Stante din it-tranzazzjoni l-Qorti ser tghaddi sabiex ai termini taghha tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif premessi fic-citazzjoni.

Tinnomina lil Nutar Josianne Cini sabiex tippubblika l-att korrettorju f'data, hin u lok li jigi ffissat mill-partijiet

kontendenti kollha fil-kawza kif illum istruwita b'dan illi ghall-finijiet tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt l-art in kwistjoni tigi identifikata permezz tal-pjanta annessa dok SF1 (folio 106) li qeghdha tawtorizza tigi rtirtata mill-atti tal-kawza u fir-rigward it-tieni talba tinnomina lill-Avukat Joseph Grech biex jidher bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta kull eventwali kontumaci.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------